Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8550 — USSL/Goldman Sachs/Redexis Gas)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 205/11)

1. Fl-20 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha Superannuation Scheme Limited ("USSL", ir-Renju Unit) u GS Global Infrastructure Partners II, LP u GS International Infrastructure Partners II, LP ("Goldman Sachs", l-Istati Uniti tal-Amerika) jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Redexis Gas S.A. u Redexis Gas Finance B.V. ("Redexis Gas", Spanja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— USSL hija trustee korporattiva responsabbli għall-ġestjoni ta' skema tal-pensjonijiet għas-settur privat fir-Renju Unit għal persunal akkademiku u komparabbli fl-universitajiet tar-Renju Unit u f' istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja u ta' riċerka;

— Goldman Sachs hija ditta ta' servizzi bankarji dinjija ta' investiment, garanziji u ġestjoni ta' investiment li tipprovdi firxa servizzi bankarji, garanziji u ta' investiment madwar id-dinja;

— Redexis Gas hija kumpanija regolata għall-gass naturali u t-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-LPG li topera fi Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8550 — USSL/Goldman Sachs/Redexis Gas, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.